**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta tal-31 ta' Mejju 2023**

**Rikors Numru : 40/2023 JPG**

**Kawza Numru : 26**

**GA**

**Vs**

**SA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' GA datat 26 ta' Jannar 2023, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti zzewgu fit-tnejn ta' Settembru tas-sena elf disa' mija hamsa u disghin (02/09/1995);*

2. *Illi l-kontendenti sseparaw permess ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti tan-Nutar Dr Liza Schembri datat l-ewwel ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (01/11/2018) (Vide Dok A anness);*

3. *Illi minn dana z-zwieg twieldu tlett itfal, KA f'X, CA f'Y, u AA f'Z.*

4. *Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti, liema manteniment jinqata' direttament mill-paga tar-rikorrenti;*

5. *Illi ma hemm ebda prospett ragjonevili illi jkun hemm rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti, stante illi apparti li jghixu separatament ghal iktar minn erba' (4) snin, it-tnejn ghandhom il-hajja separata taghhom;*

6. *Illi l-fatti su riportati jissodisfaw il-kweziti ghall-ottjeniment tal-hall miz-zwieg a tenur ta' Artikoli 66A et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

   *Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:*

1. *Tippronunzja d-divorzju bejn il-kontendenti;*
2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien kontemplat jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-digriet tad-Divorzju sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat il-verbal tas-27 t'April 2023 fejn deher Dr Philip Magri ghall-intimata u nforma lill-Qorti li l-intimata ma ghandhiex oggezzjoni ghall-ghoti tad-divorzju. (Vide Fol 23).

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-verbal tas-27 t'April 2023 (Vide Fol 23), fejn il-partijiet iddikjaraw li ma jehtiegux kontro-ezamijiet jew sottomissjonijiet finali u stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed** (vide affidavit fol 22) illi l-kontendenti zzewgu nhar it-2 ta' Settembru 1995 u li minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal. Iddikjara illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt ta separazzjoni personali in atti tan-Nutar Dr Liza Schembri datat 1 ta' Novembru 2018. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li t-tnejn li huma jghixu hajja totalment separata minn xulxin. Sostna illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

L-intimata xehdet (Vide Fol 27) u kkonfermat u kkorroborat ma' dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-2 ta' Settembru 1995, liema zwieg jgib certifikat numru 1487/1995 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 25). Minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in att tan-Nutar Dr Lisa Schembri datat l-1 ta' Novembru 2018. (vide Dok A fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1487/1995 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**